MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2013

Talba Numru. 71/2013

**Bank of Valletta plc (C-2833)**
**Vs**
**Duncan Mizzi (K.I. 168075M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici ppremmettiet illi l-konvenut jinsab debitur tas-socjeta’ attrici fis-somma ta’ elf, hames mija u tnejn u tmenin ewro u erbgha u tletin centezmu (€1,582. 34), bilanc ghad-debitu fil-“*Loan Account*” tieghu mal-Bank of Valletta plc (Dok. “A”) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mit-8 ta’ Frar 2013, sal-jum tal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 15 ta’ Frar 2012 (Dok “B”), u tal-mandat ta’ sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment; illi nterpellat sabiex ihallas id-dejn imsemmi, il-konvenut baqa’ inadempjenti, u ghalhekk kellha ssir din it-talba; illi s-socjeta’ attrici qed tipprezenta wkoll affidavit skont il-ligi hawn annessa u mmarkata Dok “C”.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie pprezentat kapitolu fit-8 t' Ottubru, 2013 mill-Avukat Dr. Dominic Cassar u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova 'l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' elf, hames mija u tnejn u tmenin ewro u erbgha u tletin centezmu (€1,582.34) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 15 ta' Frar 2012 u tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------